**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2018**

**Avviz nru: 160/2018 MLF**

**BNF Bank plc gja'**
**Banif Bank (Malta) plc**

**vs**

**Carl Christopher Seabrook**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-bank attur is-somma ta' sebat elef, hames mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€7,583.53) rapprezentanti ammont dovut minnu fuq il-kontijiet tieghu mal-kumpannija attrici sas-6 ta' Lulju 2018, u specifikament kif ser jinghad hawn taht:

1. Fuq Loan Account Nru. 499463 71 2 u li jikkoncerna self koncess lilu ai termini ta' Credit Agreement datat 15 ta' Novembru 2016 (ara Dok. (A), l-ammont ta' sebat elef, erbgha u sittin Euro u hdax-il centezmu (€7,064.11), bl-imghaxijiet inkluzi ta' hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€50.49) (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'B', u

2. Fuq il-Current Account Nru. 499463 10 1 li ghandu mal-kumpannija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni markata bhala Dok. ‘C’), l-ammont ta’ tlett mija u hamsa u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€335.82), bl-imghaxijiet inkluzi ta’ sebgha u erbghin centezmu (€0.47) (ara l-istatment bankarju markat Dok. ‘D’). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez Bankarji relatati mal-Loan Account fuq imsemmi;
3. Fuq is-Savings Account Nru. 499463 18 1 li ghandu mal-kumpannija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni markata bhala Dok. ‘E’), l-ammont ta’ mija u tlieta u tmenin Euro u sittin centezmu (€183.60) bl-imghaxijiet inkluzi ta’ sitta u ghoxrin centezmu (€0.26) (ara l-istatement bankarju markat Dok. ‘F’). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Account fuq imsemmi;

L-ammont mitlub f’din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:

1. Kwantu l-Loan Account fuq imsemmi, ai termini t’Artikolu 15 tal-Credit Agreement markat Dok. ‘A’ u msemmi aktar ‘l fuq, u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f’dan id-dokument, partikolarment, izda mhux esklussivament:

   “a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

   b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

   n) Any other event which in the Bank’s reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility”, u

2. Kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini t’Artikolu 5 tat-Terms and Conditions relattivi ghall-Current Accounts u Artikolu 6 tal-Conditions of Use relattivi ghall-Current Accounts u s-Savings Accounts (ara Dok. ‘G’) u Dok. ‘H’ rispettivament), u

3. Kwantu is-Savings Account fuq imsemmi, ai termini t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use relattivi ghall-Current Accounts u s-Savings Accounts, gja' msemmija u markati Dok. 'H');

Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpellah diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datat 6 ta' Frar 2018 (ara Dok 'I'), li giet notifikata u ittra ufficcjali numru 946/2018, mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara Dok. 'J') li ma gietx notifikata, izda hu baqa inadempjenti u din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Is-socjeta attrici talbet ukoll li l-konvenut jigi ikkundannat jitlef a favur taghha, dawk il-flejjes moghtija minnu lilha b'rahan permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Novembru 2016 (ara Dok. 'K'), u dana bhala hlas akkont tat-total dovut minnu lill-kumpannija attrici;

Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment;

Bl-imghaxijiet mis-6 ta' Lulju 2018 sad-data tal-hlas effettiv, skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghu meta hu fetah il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' disgha fil-mija (9%) fis-sena inkwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 6 u 15 f'Dok. 'A') u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammonti dovuti fuq il-Current Account u s-Savings Account (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u markata Dok. 'L');

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 960/2018, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficcjali u inkluzi wkoll charges bankarji mis-6 ta' Lulju 2018 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'L' gja citat u Dok. 'M' kwantu l-Loan Account);

Is-socjeta attrici ghamlet din it-talba minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghu.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018, il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Fl-istess seduta xehed Alfred Ferrante, rapprezentant tas-socjeta attrici li ikkonferma li l-ammonti mitluba fir-rikors promotur huma dovuti mill-konvenut, u iddikjara wkoll li minn meta gew intavolati dawn il-proceduri sallum ma sar l-ebda pagament akkont.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-lum, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' sebat elef, hames mija u tlieta u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€7,583.53), bl-imghaxijiet mis-6 ta' Lulju 2018 sad-data tal-hlas effettiv, skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghu meta hu fetah il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, u cioe bir-rata ta' disgha fil-mija (9%) fis-sena inkwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammonti dovuti fuq il-Current account u s-Savings Account, kif imsemmija fir-rikors promotur.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali numru 946/2018 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-mandat ta' sekwestru numru 960/2018, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficcjali, kif ukoll ic-charges bankarji mis-6 ta' Lulju 2018 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**